# QORTI ĊIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 71/20 TA**

**AB (K.I. numru ....... M)**

**vs**

**CD (K.I. numru ....... M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB tal-11 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu fost oħrajn ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni provviżorju;

Rat ir-risposta ta' CD tat-2 ta' Lulju 2020;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020;

Rat li rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti trid izzomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu s-segwenti propjeta': il-vettura tal-marka Volvo …- … u d-dgħajsa li kienet iġġib l-isem 'Maris' tat-tip pleasure yacht, Sealine bl-ittri u numri SILGB031F191. Dan qed titolbu biex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha pendenti kawża ta' separazzjoni.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 semgħet ix-xhieda tar-rappresentanti tal-Awtoritajiet u rrisulta li fil-waqt li id-dgħajsa hija reġistrata f'isem EF il-vettura hija reġistrata f'isem l-intimat.

Il-Qorti tirrileva li l-proċedura taħt artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex iżżomm xi ħaġa milli ssir. La darba tkun saret, il-proċedura inkwistjoni ma hiex waħda idoneja **(ara Pearsall -vs- Maurice Zarb Adami nomine, rikors 1678/2001**). Multo magis il-proċedura ma hiex idoneja meta propjeta' ma tkunx tappartjeni lill-intimat iżda tkun ta' ħaddieħor.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors saru diversi allegazzjonijiet għalfejn id-dgħajsa in kwistjoni tinsab reġistrata f'isem EF, iżda ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tagħmel indaġini f'dan ir-rigward.  Dan huwa l-kompitu ta' dik il-Qorti li tiġi adita biex tifli u tipprovdi dwar il-pretensjonijiet sostanzjali tar-rikorrenti fi proċeduri appositament magħmula, kif fil-fatt jidher li diġa' għamlet ir-rikorrenti. Għalhekk sa fejn jirrigwarda din id-dagħjsa ai fini ta' dawn il-proċeduri it-talbiet ser ikunu miċħuda.

Hija kwistjoni oħra sa fejn jirrigwarda il-vettura Volvo.  Din il-Qorti tħoss li sa fejn jirrigwarda din il-propjeta' r-rikorrenti irnexxielha tipprova li għandha *prima facie* jedd xi tħares.  Li jesistu r-rekwiżiti kollha meħtieġa fil-liġi biex jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat inkwantu jirrigwarda din il-vettura.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti, fil-waqt li qed tvarja d-digriet provviżorju tagħha tal-11 ta' Ġunju 2020 u tikkonfermah limitatament u biss għall-vettura tal-marka Volvo …- …, qegħda definittivament tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba fir-rikors tagħha tal-11 ta' Ġunju 2020 fir-rigward biss tal-vettura inkwistjoni u tordna l-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-intimat biex ma jagħmel xejn mill-ħwejjeg imsemmija u mitluba fir-rikors odjern.

Tordna n-notifika ta' dan id-digriet lil Transport Malta biex tirreġistra l-istess u tagħmel dak li trid minnha il-ligi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimat.

**Mogħti kameralment illum, 8 ta' Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Deputat Reġistratur**